MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 213/2004

**“A” maghrufa bhala “A1”.**

**vs.**

**“B” maghruf bhala “B2”.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, l-attrici pprezentat Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex twaqqfu milli jiehu lill-minuri “C” fis-6 ta’ April 2003 u “D” fis-6 ta’ Mejju 2004, barra minn Malta;

Illi l-attrici tixtieq li l-minuri jitnehhew minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk hu l-kaz; li l-konvenut jiddepozita l-

passaporti tal-minuri, jekk ikun il-kaz, fil-Qorti jew ma' awtorita kompetenti ohra; li l-minuri ma jitnizluwx fuq il-passaport tal-konvenut; u ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

Illi l-konvenut huwa cittadin Libjan u ghalhekk minhabba biza' tal-attrici li l-konvenut jiehu lit-tfal minuri minn Malta u jahrab bihom, l-attrici pprezentat 'l fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni u l-prezenti procedura;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna li t-tfal minuri, "C" u "D", ma jithallewx johorgu minn Malta minghajr il-permess ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna li l-konvenut jiddepozita l-passaporti tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' awtorita' kompetenti ohra li jidrilha opportuna li tinnomina din il-Qorti;

3. Tordna lid-Diretturi tal-Passaporti sabiex il-minuri ma jitnizzlux fuq il-passaporti tal-konvenut;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex ma jinharigx passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

5. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex inehhit lit-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk dan hu l-kaz;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebitti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-4 ta' Awissu 2004, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tlettin (30) gurnata biex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal datat 12 ta' Jannar 2005, fejn Dr. Ruth Scott ghall-attrici tat ruhha b' notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-konvenut ta ruhhu b' notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u l-Qorti nfurmatu li kellu jkellem avukat u li kellu ghoxrin (20) gurnata biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-attrici datata 17 ta' Jannar 2005, a fol. 14, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u ta' ommha.

Rat il-verbal 2 ta' Frar 2005, fejn Dr. Anthony Cutajar ghall-konvenut pprezenti ddikjara li m'ghandu ebda oggezzjoni li t-talbiet attrici jigu milqugha u li l-konvenut ma ghandu ebda passaport tal-minuri u li l-istess minuri lanqas ma hu ndikat fuq il-passaport tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005.

Rat li l-konvenut *nonostante* li notifikat ma pprezenta l-ebad nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jidher li din il-koppja kellha problemi serji fiz-zwieg ta' bejniethom, u fil-fatt l-istess koppja llum tghix separatament min xulxin, bit-tfal minuri "C", li twieldet fis-6 ta' April 2003 u "D" li twieled fis-6 ta' Mejju 2004, jghixu ma' l-attrici. Fil-fatt l-istess minuri twieldu Malta, u huma domiciljati u abitwalment residenti Malta. Jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-attrici li qabel li ma' inizjat dawn il-proceduri l-attrici, l-konvenut kemm-il draba hedded lill-attrici li kien ser jiehu t-tfal mieghu barra minn Malta u ma jergax igiebhom l'hawn. Ilum il-konvenut *tramite* l-avukat tieghu jghid li huwa ma' huwiex behsiebu

jiehu l-istess ulied barra minn Malta, tant *in verita'* lanqas qed jipponi li t-talbiet attrici jigu milqugha sa fejn huwa possibbli. L-istess konvenut pero' jghid li huwa ma' ghandu l-ebda passport tal-minuri fil-pussess tieghu, u li l-istess minuri ma humiex indikati fuq il-passaport tieghu, li l-Qorti tifhem li huwa Libjan, izda li ma' giex muri lill-Qorti.

Illi taht dawn ic-cirkostanzi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u huwa fl-interess tal-minuri li dan issir sabiex l-istess minuri ma jittiehdux mill-post fejn sallum kienu dejjem residenti u taht il-kura ta' ommhom.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq l-ammissjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn premess,** b'dan illi:-

1. Tordna li t-tfal minuri, "C" u "D", ma jithallewx johorgu minn Malta minghajr il-permess tal-Qorti kompententi Maltija;

2. Tordna li l-konvenut jiddepozita l-passaporti tal-minuri fuq indikati lil l-Ufficjal Inkarigat mill-Passaporti, kemm-il darba xi passaport tal-minuri jinsab fil-pussess tieghu;

3. Tordna lid-Direttur jew Ufficjal Ewlieni tal-Passaporti sabiex ghal l-ebda raguni ma' ghandu jindika lill-istess minuri fuq il-passaport tal-konvenut;

4. Tordna lid-Direttur jew Ufficjal Ewlieni tal-Passaporti sabiex ma' johrog ebda passaport ghall-minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri moghti bil-miktub jew b'ordni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija;

5. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti sabiex jekk inhu l-kaz, u kollox *ai termini* tal-Ligi Maltija, inehhi lit-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk b'dawn b'xi mod gew inkluzi fil-passaport ta' l-istess konvenut;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizjoni kontra l-istess konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------